A.L. 300 tal-2010

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - għall-Grad ta' Doctor of Philosophy taħt il-patroċinju taċ-Ċentru tat-Teknoloġija tal-Komunikazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord taċ-Ċentru tat-Teknoloġija tal-Komunikazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy taħt il-patroċinju taċ-Ċentru tat-Teknoloġija tal-Komunikazzjoni.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord taċ-Ċentru tat-Teknoloġija tal-Komunikazzjoni;

"iċ-Ċentru" tfisser iċ-Ċentru tat-Teknoloġija tal-Komunikazzjoni;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw minn Ottubru 2009 'il quddiem.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. L-applikanti għall-Grad offrut miċ-Ċentru għandhom ikollhom wieħed mill-gradi msemmija fir-regolament 6 tar-Regolamenti Prinċipali, f'wieħed minn dawn l-oqsma: l-Arti, il-Komunikazzjoni, il-Kummerċ, il-Psikoloġija, jew f'xi qasam ieħor li l-Bord iqis bħala rilevanti għat-twettiq ta' studji taħt il-patroċinju taċ-Ċentru.

4. (1) L-applikanti jistgħu jissottomettu l-formola tal-applikazzjoni, flimkien ma' proposta ta' riċerka komprensiva li tiddeskrivi l-proġett propost, inklużi s-sorsi u l-materjali tar-riċerka, fi kwalunkwe żmien tas-sena.

(2) L-applikanti jistgħu jiġu mitluba wkoll juru l-kompetenza tagħhom fil-ħiliet meħtieġa min-natura tar-riċerka proposta.

Il-Kumitat taċ-Ċentru għad-Dottorat

5. Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat li jinħatar Kumitat taċ-Ċentru għad-Dottorat li jkun magħmul kif ġej:

Id-Direttur taċ-Ċentru jew delegat (*chairman*)
3 - 4 membri anzjani taċ-Ċentru.

Is-Superviżjoni u l-Progress tal-Istudenti

6. Is-Superviżuri Prinċipali huma meħtieġa jissottomettu rapport bil-miktub lill-Bord, permezz tal-Kumitat taċ-Ċentru għad-Dottorat, kull Ġunju għall-istudenti kollha li jaqgħu taħt is-superviżjoni tagħhom.

7. L-istudenti għandhom jitħallew ikomplu bl-istudji tagħhom biss jekk ir-rapporti tas-Superviżur Prinċipali tagħhom juru li qed jagħmlu progress sodisfaċenti. Jekk ir-rapport ikun negattiv, il-Bord għandu jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lis-Senat dwar il-kontinwazzjoni tar-reġistrazzjoni tal-istudent għall-Grad.

8. (1) Wara 12-il xahar ta' studju *full-time*, l-istudenti huma meħtieġa jissottomettu rapport dwar ix-xogħol ta' riċerka tagħhom għal konsiderazzjoni ta' bord *ad hoc* maħtur mill-Bord. Il-bord *ad hoc* għandu jkun magħmul minn *chairman*, li jkun id-Direttur taċ-Ċentru jew id-delegat tiegħu, u żewġ eżaminaturi, li wieħed minnhom ikun is-Superviżur Prinċipali.

(2) Il-bord *ad hoc* għandu jeżamina lill-istudent b'mod orali u għandu jissottometti l-ewwel, rapport bil-miktub għall-konsiderazzjoni tal-Kumitat taċ-Ċentru għad-Dottorat. Ir-rapport għandu jinkludi r-rakkomandazzjonijiet skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali.

9. L-istudenti reġistrati maċ-Ċentru jistgħu jiġu mitluba jipparteċipaw fil-programmi ta' riċerka u ta' tagħlim taċ-Ċentru .

Il-Preżentazzjoni u l-Format tat-Teżi

10. Sitt xhur qabel id-data tas-sottomissjoni l-istudenti għandhom jiġu nfurmati li huma mitluba li jinfurmaw liċ-Ċentru li se jissottomettu t-teżi tagħhom għall-eżami mhux anqas minn tliet xhur qabel iż-żmien meta għandha ssir is-sottomissjoni.

11. Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat il-ħatra tal-Bord tal-Eżaminaturi skont ir-Regolamenti Prinċipali.

12. Il-Bord għandu japprova u jippubblika l-linji gwida rigward il-format u l-preżentazzjoni tat-teżi għall-Grad.

13. (1) L-istudenti jkunu meħtieġa jissottomettu kopja tat-teżi tagħhom mingħajr legatura għal kull membru tal-Bord tal-Eżaminaturi, flimkien ma' kopja f'format diġitali. L-uffiċjal inkarigat miċ-Ċentru għandu joħroġ riċevuta datata.

(2) Meta jtemmu b'suċċess l-istudji tagħhom, l-istudenti għandhom jissottomettu liċ-Ċentru, sa sitt ġimgħat mill-pubblikazzjoni tar-riżultat, tliet kopji tat-teżi b'legatura ħoxna flimkien ma' kopja f'format diġitali. Kopja waħda tat-teżi għandha tinżamm fil-Librerija taċ-Ċentru u kopja oħra fil-Librerija tal-Università. L-istudenti li ma jikkonformawx ma' dan l-ordinament ma jingħatawx il-Grad.

Tħassir

14. L-Ordinamenti tal-1998 għall-grad ta' Master of Philosophy taħt il-patroċinju taċ-Ċentru tat-Teknoloġija tal-Komunikazzjoni, ppubblikati bħala Avviż Legali Nru. 150 tal-1998, għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-1 ta' Ottubru 2009, iżda l-istudenti rregistrati għal dan il-grad qabel l-1 ta' Ottubru 2009 għandhom ikomplu jkunu regolati mir-regolamenti li kienu jgħoddu fiż-żmien meta rreġistraw għall-grad.